# Taħriġ il-fehem għat-3 sena



Josepha Spiteri B.A. (Hons) PGCE

ISEM U KUNJOM: ______________________

IL-KLASSI: _____

# Werrej

Il-maskra tal-Karnival ........ 3
A. Veru jew Falz ........ 4
Id-djarju ta' Tom ........ 5
A. Veru jew Falz ........ 6
B. Aqta' sing taħt it-tajba ........ 6
Ċ. Kompli s-sentenza. ........ 6
Jacob jiżloq żelqa! ........ 7
A. Veru jew Falz ........ 8
B. Kompli s-sentenza ........ 8
Ċ. Fittex mis-silta ........ 8
D. Wieġeb ........ 9
Ben, il-ħabib ta' tfuliti. ........ 10
A. Veru jew Falz ........ 10
B. Kompli s-sentenza ........ 10
Ċ. Wieġeb ........ 11
D. Fittex mis-silta ........ 11
Bella u l-familja ........ 12
Wieġeb ........ 12
L-imsielet tal-fidda ........ 13
A. Veru jew Falz ........ 14
Ċ. Wieġeb fil-qosor ........ 14
Disneyland ........ 15
Barbikju ........ 17
A. Wieġeb ........ 17
B. Fittex mis-silta ........ 18

# Il-maskra tal-Karnival

Krista marret għand il-ħabiba tagħha Tanja biex iqattgħu ġurnata flimkien. Tanja kellha ħuha jismu Mel li kien iħobb jiċċajta ħafna. Imma Krista ma kinitx taf! **(par. 1)**

Kien wasal żmien il-Karnival u omm Tanja ħarġet kaxxa mimlija kostumi. Fil-kaxxa kien hemm maskri sbieħ u tal-biża', u xi parrokki tal-Karnival. **(par. 2)**



Tanja sabet libsa ta' prinċipessa. Krista sabet par ġwienaħ ta' farfett u libsa roża tleqq. It-tnejn libsuhom u qagħdu jilagħbu flimkien fil-kamra ta' Tanja. **(par. 3)**



Sadattant, Mel sab il-kaxxa tal-kostumi. Ġol-kaxxa sab maskra kerha ta' mostru kattiv. Huwa libes il-maskra u daħal inkiss inkiss fil-kamra t'oħtu. Huwa għajjat "Waaaaa!" Dak il-ħin Krista u Tanja tgħidx x'qatgħa ħadu. Tgħidx kemm daħak Mel meta semagħhom iwerżqu! "Itlaq 'l hemm!"qalulu l-bniet. "Ħa, ħa...Viva l-Karnival!" qalilhom Mel. **(par. 4)**



## A. Veru jew Falz

1. Krista marret għand il-ħabiba tagħha Tanja. ___________
2. Kien wasal żmien il-Milied. ___________
3. Fil-kaxxa kien hemm il-ġugarelli. ___________
4. Tanja libset ta' prinċipessa. ___________
5. Krista tat qatgħa lil Mel. ___________

## B. Imla l-vojt

1. Tanja kellha ħuha jismu ___________. (par. 1)
2. Fil-kaxxa kien hemm maskri sbieħ u tal-___________. (par. 2)
3. Krista sabet par ___________ ta' farfett. (par. 3)
4. Krista u Tanja qagħdu jilagħbu fil-___________. (par. 3)
5. Mel sab ___________ kerha ta' mostru kattiv. (par. 4)

## Ċ. Wieġeb fil-qosor

1. Min kien iħobb jiċċajta? (par. 1)

   ___________________________________________________

2. X'ħarġet omm Tanja? (par. 2)

   ___________________________________________________

3. Fejn qagħdu jilagħbu l-bniet? (par. 3)

   ___________________________________________________

4. X'sab Mel fil-kaxxa tal-kostumi? (par. 4)

   ___________________________________________________

5. Għaliex bdew iwerżqu l-bniet? (par. 4)

   ___________________________________________________

## D. Fittex mis-silta

1. kelma b'konsonanti qamrija (par. 1) ___________
2. kelma b'konsonanti xemxija (par. 1) ___________
3. il-plural ta' kostum (par. 2) ___________

# Id-djarju ta' Tom

| | |
|---|---|
| **It-Tnejn** | Filgħodu Tom imur l-iskola. Huwa jistenna l-vann fil-kantuniera. Wara l-iskola, Tom imur id-duttrina. Filgħaxija Tom joqgħod jaqra. |
| **It-Tlieta** | Filgħodu Tom imur l-iskola. Wara l-iskola, Tom imur jaqdi lil ommu. Filgħaxija Tom imur jilgħab il-futbol ma' kuġinuh. |
| **L-Erbgħa** | Filgħodu Tom imur l-iskola. Wara l-iskola, Tom imur iżur lin-nanniet. Filgħaxija Tom imur il-lezzjoni tal-pjanu. |
| **Il-Ħamis** | Filgħodu Tom imur l-iskola. Wara l-iskola, Tom imur il-garaxx ħdejn ħuh il-mastrudaxxa. Wara jmur id-duttrina. |
| **Il-Ġimgħa** | Filgħodu Tom imur l-iskola. Wara l-iskola, imur mixja bil-kelb. Filgħaxija joqgħod jara t-televixin fuq is-sufan mal-familja. |
| **Is-Sibt** | Filgħodu Tom imur il-monti ma' ommu. Wara jmur il-bandli mal-kuġini. Filgħaxija jmur jara film imbagħad jiekol mal-familja. |
| **Il-Ħadd** | Filgħodu Tom imur il-knisja mal-familja. F'nofsinhar Tom u l-familja jieklu għand in-nanniet. Filgħaxija Tom jidħol jorqod kmieni wara li jkun illesta l-basket tal-iskola. |

**A. Veru jew Falz**

1. It-Tnejn u s-Sibt, Tom imur id-duttrina. ___________
2. Il-Ħamis, Tom imur il-garaxx ħdejn ħuh. ___________
3. Is-Sibt, Tom imur il-monti ma' ommu. ___________
4. Il-Ġimgħa, Tom imur mixja bil-kelb. ___________

**B. Aqta' sing taħt it-tajba**

1. It-Tnejn wara l-iskola, Tom imur (**għand in-nanna, id-duttrina, il-futbol**).
2. Il-Ħadd filgħaxija, Tom (**jiekol mal-familja, imur għand in-nanniet, jorqod kmieni**).
3. Filgħodu mit-Tnejn sal-Ġimgħa, Tom imur (**l-iskola, il-lezzjoni tal-pjanu, il-Belt**).
4. Is-Sibt filgħodu, Tom imur (**il-bandli, il-monti, il-futbol**).
5. (**Is-Sibt, il-Ħadd, il-Ħamis**), Tom imur il-garaxx ħdejn ħuh.

**Ċ. Kompli s-sentenza.**

1. It-Tnejn u l-Ħamis, Tom ________________________________________

________________________________________________________________

2. Il-Ġimgħa filgħaxija, Tom ____________________________________

________________________________________________________________

**D. Wieġeb**

1. X'jagħmel Tom is-Sibt filgħaxija?

________________________________________________________________

2. X'jagħmel Tom il-Ħadd f'nofsinhar?

________________________________________________________________

# Jacob jiżloq żelqa!

Jacob u Maria kienu qegħdin jilagħbu fil-ġnien. Bdiet nieżla x-xita u kellhom jidħlu ġewwa biex ma jixxarrbux. Wara ftit waqfet ix-xita. Meta ttawlu raw ħafna bebbux ħiereġ fuq il-madum tal-bitħa. (par. 1)



Jacob kellu ġenn biex joħroġ jaqbad il-bebbux u joqgħod jilgħab bih. Il-mamà ordnatilhom biex ma joħorġux għax l-art kienet għadha mxarrba. Maria qagħdet tistenna ftit u marret taqra ktieb. Imma Jacob ried joħroġ. Ma xtaqx li jaħrablu l-bebbux. (par. 2)

Sakemm il-mamà marret titwi l-ħwejjeġ, Jacob ħareġ jiġri fil-bitħa. Hemmhekk kien għad hemm l-ilma. Kien hemm għadira kbira imma Jacob ma rahiex. "Bummm!" X'żelqa żelaq għal dahru. "Ajma!" beda jgħajjat Jacob. (par. 3)

Il-mamà ħarġet tiġri tara x'ġara u rat lil Jacob imxarrab għasra jibki. Ommu rrabjat mhux ftit ma' Jacob għax kienet wissietu biex jistenna. (par. 4)

Jacob tgħallem li dejjem għandu jisma' minn dak li tgħidlu ommu biex jevita li jweġġa'. (par. 5)



## A. Veru jew Falz

1. Jacob u Maria kienu qegħdin jilagħbu fil-ġnien. ___________
2. F'daqqa waħda beda nieżel is-silġ. ___________
3. Jacob kellu ġenn biex joħroġ jaqbad il-bebbux. ___________
4. Maria qagħdet tisma' l-mużika. ___________
5. Jacob kiser siequ u mar l-isptar. ___________

## B. Kompli s-sentenza



1. Jacob ried jaqbad il-___________ li ħareġ wara x-xita.
2. Fil-bitħa kien hemm ___________ kbira.
3. Jacob ixarrab ___________.
4. Meta żelaq, Jacob ġie għal ___________.
5. Jacob tgħallem li dejjem għandu jisma' minn ___________.

## Ċ. Fittex mis-silta

1. Nom proprju: _______________ (par. 1)
2. Nom komuni: _______________ (par. 2)
3. Verb fil-passat: _______________ (par. 3)
4. Il-plural ta' 'ħaġa': _______________ (par. 2)
5. Verb fin-negattiv: _______________ (par. 2)

**D. Wieġeb**

1. Fejn kienu qed jilagħbu Jacob u Maria? (par. 1)

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Għaliex kellhom jidħlu ġewwa? (par. 1)

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Għaliex Jacob ried joħroġ fil-bitħa? (par. 2)

_______________________________________________

_______________________________________________

4. X'marret tagħmel il-mamà? (par. 3)

_______________________________________________

_______________________________________________

5. X'tgħallem Jacob? (par. 5)

_______________________________________________

_______________________________________________



# Ben, il-ħabib ta' tfuliti.

Meta kont żgħira kelli ħabib jismu Ben. Dan kien tifel ċajtier u gustuż. Huwa kellu par għajnejn kannella u kbar u xofftejh irqaq. Kellu wiċċu dejjem jixgħel b'dik it-tbissima ħelwa. Kellu xagħru iswed tuta u kollu nokkli sbieħ. Ben kien twil u rqiq.



Jien u Ben konna mmorru l-iskola flimkien. Għadni niftakru sejjer l-iskola bl-uniformi pulita, bi qmis bajda, qalziet blu skur u ingravata rrigata safra u ħadra. Ben kien iħobb jilgħab il-futbol u ta' spiss konna mmorru sal-grawnd flimkien meta konna żgħar. Kemm konna nieħdu gost flimkien!

## A. Veru jew Falz



1. Jien u Ben konna mmorru l-iskola flimkien. __________
2. Dan kien tifel kwiet u gustuż. __________
3. Ben kien iħobb jilgħab il-futbol. __________

## B. Kompli s-sentenza

1. Ben kellu par għajnejn ___________________________.
2. Huwa kien iħobb _______________________________.
3. Fuq wiċċu dejjem kellu dik _______________________.

## Ċ. Wieġeb

1. Kif kien xagħar Ben?

______________________________________________

2. Kif kienet l-uniformi?

______________________________________________

3. Fejn konna nilagħbu futbol?

______________________________________________

## D. Fittex mis-silta

1. 2 kelmiet li fihom l-għ: _______ _______
2. 2 kelmiet li fihom l-ie: _______ _______
3. 2 kelmiet li jibdew b'konsonanti qamrija: _______ _______
4. 2 kelmiet li jibdew b'konsonanti xemxija: _______ _______
5. 2 kelmiet li jibdew bil-vokali: _______ _______
6. 2 kelmiet bl-artiklu: _______ _______
7. Ikteb l-artiklu ma' dan il-kliem:

   __għajnejn, __ xagħar, __futbol, __grawnd, __ingravata.

8. Ikteb i jew ie: t__fel, għall__m, j__n, kw__t, __swed.



# Bella u l-familja

Mela darba kien hemm tifla jisimha Bella. Din it-tifla kellha qalbha tad-deheb u kienet dejjem lesta li tgħin. Meta kienet tlesti x-xogħol tad-dar, Bella kienet tmur tgħin lil missierha Ġużi fil-ħanut tal-merċa jew tgħin lil ommha Marija fit-tindif tad-dar. Fil-ħin liberu tagħha, Bella kienet tħobb tilgħab ma' ħuha ż-żgħir Leo.

Bella kienet il-mimmi t'għajnejn in-nanna Rita u n-nannu Toni għaliex kienet tifla mżejna b'kollox. Kull nhar ta' Ħadd, Bella kienet tmur mal-familja tagħha sar-razzett taz-ziju Ġanni. Hemmhekk kienet tilgħab mal-kuġini Kevin u Andrew, u tiekol l-aqwa platt għaġin li kienet taf tħawwar iz-zija Sandra.

**Wieġeb**

1. X'kienet tagħmel Bella wara li tlesti x-xogħol tad-dar?

_______________________________________________

2. X'kienet tagħmel fil-ħin liberu tagħha?

_______________________________________________

3. Fejn kienet tmur il-Ħadd?

_______________________________________________

4. Ma' min kienet tilgħab il-Ħadd?

_______________________________________________

5. X'kienet issajjar iz-zija Sandra?

_______________________________________________

6. Fisser il-kliem b'sing taħtu *fuq il-pitazz*.

# L-imsielet tal-fidda

Tina u Stef kienu ħbieb tal-qalb. Darba ddeċidew li jmorru sal-Belt. F'xi l-għaxra ta' filgħodu ltaqgħu ħdejn il-funtana tat-Tritoni. Kien hemm nies, bejjiegħa, karozzi u karozzini. (par. 1)

Huma u deħlin il-Belt raw ħafna ħwienet differenti: ħwienet tal-ħwejjeġ, taż-żraben, tal-ġugarelli u tal-ikel. Tina u Stef daħlu ġo ħanut li jbigħ il-ġojjelli. Kellu l-vetrini mimlija ġiżirajjen, brazzuletti, ċrieket u msielet! Il-prezzijiet tagħhom kienu għoljin wisq. (par. 2)

Tina kellha qalbha sewda. Hija xtaqet kieku tixtri par imsielet tal-fidda lil ommha f'għeluq sninha. Tina kienet ilha tfaddal imma xorta waħda ma kellhiex biżżejjed flus. Stef staqsietha x'kien ġralha meta ratha mdejqa. Hi xtaqet tgħin lil ħabibitha. (par. 3)

Stef ġietha idea sabiħa. Hija daħlet tkellem lil sid il-ħanut u dan meta sema' l-istorja kollha ntebaħ bil-qalb tajba ta' Tina. Ried jgħinha u jferraħha! M'għandniex xi ngħidu, omm Tina ferħet ħafna bir-rigal li qalgħet f'għeluq sninha mingħand bintha. (par. 4)



## A. Veru jew Falz

1. Tina u Stef kienu ħbieb tal-qalb. ______________
2. L-imsielet kienu tal-fidda u bid-djamanti. ______________
3. Stef ġietha idea sabiħa. ______________
4. Il-funtana tat-Tritoni qiegħda l-Belt. ______________
5. Il-ħbieb iltaqgħu fil-ħamsa ta' filgħodu. ______________

## B. Aqta' sing taħt it-tajba

1. Il-ħbieb riedu jmorru sal-(**Mellieħa, Belt, iskola**).
2. Tina u Stef iltaqgħu ħdejn (**il-gabbana, il-funtana, Bieb il-Belt**).
3. Il-ħbieb daħlu ġo ħanut li jbigħ (**il-ħwejjeġ, il-ġojjelli, il-ġugarelli**).
4. Tina xtaqet tixtri (**ġiżirana, ċurkett, par imsielet**) lil ommha.
5. Omm Tina ferħet bir-rigal li qalgħet (**fit-tieġ, fil-Milied, f'għeluq sninha**).

## Ċ. Wieġeb fil-qosor

1. X'kien hemm ħdejn il-funtana tat-Tritoni? (par. 1)

_______________________________________________

2. F'liema ħanut daħlu Tina u Stef? (par. 2)

_______________________________________________

3. Għaliex Tina kellha qalbha sewda? (par. 3)

_______________________________________________

4. X'għamlet Stef biex tgħin lill-ħabiba tagħha? (par. 4)

_______________________________________________

5. Għaliex Tina xtat rigal lil ommha? (par. 4)

_______________________________________________

# Disneyland

Is-sena l-oħra, Reno u oħtu Silvia għamlu l-preċett u bħala rigal il-ġenituri tagħhom ħaduhom sa Disneyland fi Franza. Kellhom jitilqu l-Ħamis. It-tfal kienu eċitati ħafna għax kienet l-ewwel darba li se jirkbu ajruplan. Huma u jirkbu l-ajruplan iltaqgħu mal-assistenti tal-ajru u mal-bdot. (par. 1)

It-titjira damet madwar tliet sigħat. It-tfal kellhom *seba' mitt sena* biex jaslu. Xħin waslu Pariġi, sabu kowċ tistenniehom. Din ħadithom mill-ewwel fil-lukanda fejn kienu se jqattgħu ħamest ijiem. (par. 2)

Mil-lukanda qabdu kowċ oħra roża li ħadithom quddiem il-Parks ta' Disney. Hekk kif daħlu, qabdu ferrovija li ħadithom dawra madwar il-post. Kien hemm ħafna kuluri sbieħ u l-mużika ma waqfet qatt. It-tfal tgħidx kemm ħadu gost jieħdu r-ritratti ma' Mickey Mouse, Minnie Mouse u l-karattri l-oħra ta' Disney. (par. 3)

It-temp kien sabiħ għax m'għamlitx xita imma xorta kienet *kesħa xxoqq l-għadam*. Il-Ħadd filgħodu qattgħuh fl-istudjows ta' Disney. Dan il-park hu mimli b'wirjiet spettakolari taċ-ċinema. Reno tgħidx kemm ħa gost jara l-karozzi u l-muturi jaqbżu minn ġon-nar. (par. 4)

Din kienet esperjenza li dawn it-tewmin mhuma se jinsew qatt għax, barra li rikbu l-ajruplan għall-ewwel darba, żaru post tal-ħolm! (par. 5)

**A. Veru jew Falz**

1. Is-sena l-oħra, Reno u oħtu Silvia għamlu l-preċett. _________

2. Huma siefru l-Ġimgħa. _________

3. It-titjira damet madwar tliet sigħat. _________

4. Mil-lukanda qabdu kowċ blu li ħadithom Pariġi. _________

5. Il-Ħadd filgħodu qattgħuh fl-istudjows ta' Disney. _________

## B. Wieġeb bi tweġiba sħiħa

1. Fejn ħaduhom il-ġenituri bħala rigal tal-preċett? (par. 1)

______________________________________________

______________________________________________

2. Ma' min iltaqgħu fuq l-ajruplan? (par. 1)

______________________________________________

______________________________________________

3. Kemm damet it-titjira? (par. 2)

______________________________________________

______________________________________________

4. Ma' min ħadu r-ritratti t-tfal? (par. 3)

______________________________________________

______________________________________________

5. Kif qattgħuh il-Ħadd filgħodu? (par. 4)

______________________________________________

______________________________________________

## Ċ. Fittex mis-silta



1. Nomi proprju. (par. 1) ___________

2. Jum tal-ġimgħa. (par. 1) ___________

3. Aġġettiv. (par. 3) ___________

4. Frażi li turi li kienet ħafna kesħa. (par. 4) _______________

5. Verb fil-passat. (par. 5) ___________

# Barbikju



Is-Sibt li għadda Dave u Martina ħarġu mal-familja. Huma marru ħdejn il-baħar. Huma ħadu magħhom sett tal-barbikju, laħam, ħobż, ħaxix u frott. Meta waslu l-Armier, poġġew il-basktijiet f'roqgħa fid-dell. Mal-ewwel missierhom rama s-sett tal-barbikju u qabbad in-nar bil-faħam. In-nar kien jaħraq ħafna u Martina bdiet tibża' li tinħaraq. Ommhom xwiet il-laħam u l-ħaxix. Kemm ġie tajjeb il-laħam mixwi. Wara li kielu u xorbu qagħdu jilagħbu. Huma qagħdu jibnu kastell bir-ramel, imbagħad marru jfittxu l-arzell. Meta x-xemx bdiet nieżla ġabru l-affarijiet biex imorru lura d-dar. Qabel telqu raw li ma ħallewx skart warajhom. Il-bajja sabiħa meta tkun nadifa u b'hekk igawdi kulħadd.

**A. Wieġeb**

1. Fejn marru Dave u Martina s-Sibt li għadda?

___________________________________________________________________

2. F'liema bajja marru?

___________________________________________________________________

3. X'ħadu magħhom?

___________________________________________________________________

4. Min qabbad in-nar bil-faħam?

___________________________________________________________________

5. Minn xiex bdiet tibża' Martina?

___________________________________________________________________

6. Min sajjar il-ħaxix u l-laħam?

______________________________________________________________________

7. X'qagħdu jilagħbu t-tfal?

______________________________________________________________________

8. X'għamlu qabel ma telqu?

______________________________________________________________________

**B. Fittex mis-silta**

1. Nom propju:__________

2. Kelma bl-artiklu: ___________

3. Din il-frażi fiha żball. Immarkah u erġa' ikteb il-frażi bla żball:

   **il-laħam u il-ħaxix** ______________________________

4. Verb fil-passat: ___________

5. Il-kuntrarju ta' 'maħmuġa': ___________